VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,922, 29 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 183 tal-2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 5)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (Emenda Nru. 5), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar it-Twaqqif ta' Elenki fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 490.04

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2012.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih qabel il-kliem "Elenku dwar Ġurisdizzjoni Ġenerali" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan li ġej:

"Elenku dwar ir-Regolamentazzjoni".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolamenti (9) u (10) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subregolamenti (10) u (11) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subregolament (8) tiegħu, għandu jiżdied s-subregolament ġdid li ġej:

"(9) L-assistenti maħtura fuq l-Elenku dwar ir-Regolamentazzjoni jkunu kompetenti li jittrattaw kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.".

Kap. 423.